# Malta se jkollha tnaqqas il-kwota tal-kaċċa għall-Gamiem minn din il-ħarifa

BirdLife Malta tilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (KE) biex tiġi regolata l-kaċċa għall-Gamiema fil-ħarifa, li hija speċi vulnerabbli.

Wara diversi laqgħat bejn il-Kummissjoni Ewropea, xjenzati u l-imsieħba tal-BirdLife International li jinkludu lil BirdLife Malta, il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) issa hija ċara ħafna: il-Gamiema se jkollha aktar protezzjoni.

**Il-Gvern Malti – bħal kull Stat Membru ieħor tal-UE – se jkun obbligat li jimplimenta jew projbizzjoni totali tal-kaċċa, inkella tnaqqis ta' 50% fil-kwoti tal-kaċċa. Pajjiżi kbar fil-Punent tal-Ewropa bħal Franza, Spanja u l-Portugall qed jikkunsidraw projbizzjoni sħiħa tul is-sena kollha.**

**Fiċ-ċentru u l-Lvant tal-Ewropa pajjiżi bħall-Italja, il-Greċja, Ċipru u Malta għandhom jadottaw tnaqqis ta' 50%. L-Avviż Legali li jħabbar dan se jkun diskuss illum f'laqgħa tal-Kumitat Ornis.**

L-UE aċċettat li waqt li projbizzjoni totali hija l-uniku mod kif tkun assigurata l-protezzjoni ta' din l-ispeċi li qed tonqos drastikament, jekk jiddaħħal tnaqqis ta' 50% fil-kwoti dan għandu jkun ikkalkulat fuq in-numri ddikjarati ta' kemm inqabdu għasafar fis-snin ta' qabel. Dan ħadem favur Malta minħabba li hu fatt magħruf li l-kaċċaturi apposta jiddikjaraw inqas milli fil-verità jkunu qabdu.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Il-Kummissjoni Ewropea qed tibgħat messaġġ ċar f'dan il-każ. Din id-deċiżjoni li tippermetti lil Malta li jiġu kkaċċjati biss 500 Gamiema matul Settembru tfisser ukoll li definittivament m'hemm l-ebda ċans li jinfetaħ staġun tal-kaċċa għall-Gamiem fir-rebbiegħa.

Minħabba li nafu li f'Malta ma jeżisti l-ebda rispett lejn il-liġijiet tal-kaċċa, fir-realtà din il-kwota limitata mhix se twaqqaf lill-kaċċaturi milli joqtlu aktar Gamiem mill-kwota. Dan jitfa' aktar pressjoni fuq il-Gvern Malti biex isaħħaħ l-isforzi tal-infurzar u BirdLife Malta tibqa' impenjata li tagħti s-sehem tagħha billi tissorvelja dak li jkun qed jiġri fil-kampanja tagħna, tappoġġja l-ħidma tal-infurzar u tirrapporta lura kemm lill-awtoritajiet lokali kif ukoll fuq livell Ewropew dak kollu li tosserva."

Huwa ta' dispjaċir li l-Gvern Malti qed ikompli jinjora l-argumenti xjentifiċi.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratt mehmuż:**

- Gamiema li spiċċat fil-mira tal-kaċċa illegali aktar kmieni fir-rebbiegħa ta' din is-sena (Ritratt ta' BirdLife Malta)